**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**
**ID-DISA' KUNSILL**
**SEDUTA NRU.16 - IT-TLIETA 26 TA' AWWISSU 2025**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-6.30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dott. Christopher Deguara | Sindku |
| | Joseph Spiteri | Viċi Sindku |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Godwin Grech | Kunsillier |
| | Andre' Muscat | Kunsillier |
| | Matthew Vella | Kunsillier |
| | Louis Camilleri | Kunsillier |
| Skużat: | Marlon Brincat | Kunsillier |
| Uffiċjali Preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Yanika Borg | Uffiċċjal Amministrattiv II |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa live fuq il-paġna ta' Facebook.

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;**

1.1. Is-SE informa li kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillieri Brincat.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI;**

2.1. Il-Kunsill approva *nem con* il-minuti ta' laqgħa nr.15 fuq proposta tal-Kunsillier Grech ssekondata mill-Kunsillier Camilleri.

**3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU;**

3.1. Is-Sindku ressaq il-kommunikazzjoni tiegħu kif ġej:

3.1.1. Is-Sindku ċċara li b'riferenza għal-laqgħa nr.14 punt nr.9. dwar l-iskema tal-Karnival 2026, permezz ta' dik il-minuta l-Kunsill kien qed jaqbel unanimament li jieħu sehem f'dik l-iskema. Il-Kunsill qabel *nem con*.

3.1.2. Is-Sindku informa li ftit ħin qabel il-laqgħa kien irċieva lista’ mingħand il-Kunsill tat-tfal b’ismijiet proposti għall-ġnien il-ġdid li se jinbena f’Xatt il-Palm, Baħar iċ-Ċagħaq. Huwa għadda l-lista tal-ismijiet proposti sabiex il-Kunsillieri jkollhom ċans jaħsbu fuq dawn l-ismijiet u l-ismijiet tal-ġnien jiġu diskussi aktar tard.

3.1.3. Is-Sindku informa li fil-31 ta’ Lulju kien hemm pjanati li jittieħdu żewġ voti fil-Planning Authority. Waħda dwar dar tal-anzjani u l-oħra dwar solar farm fuq il-Magħtab. Iż-żewġ applikazzjonijiet ġew differiti.

3.1.4. Fl-1 ta’ Awwissu kien hemm il-barbecue tal-Għaqda Kulturali Wirt Naxxari ġewwa l-Hiltop. Is-Sindku rringrazzja l-għaqda u ħeġġeġ li jibqgħu isiru dawn it-tip ta’ attivitajiet.

3.1.5. Fis-7 ta’ Awwissu s-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ltaqgħu ma’ Infrastructure Malta dwar xogħlijiet fi Triq Santa Marija (site meeting). Is-Sindku informa li hekk kif tasal data meta se jibda x-xogħol huwa jikkomunika.

3.1.6. Fl-istess laqgħa s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ġibdu l-attenzjoni dwar problema li se tinħoloq bil-qlib tal-ilma ġewwa Triq l-Alfier. Din il-problema ġiet konfermata mill-periti li kien hemm fuq il-post. Il-Kunsill qed jistenna risposta minn Infrastructure Malta dwar din il-problema.

3.1.7. Fis-7 ta’ Awwissu wkoll saret laqgħa ta’ konsultazzjoni mar-residenti dwar il-proġett ta’ Triq John Adye. F’din il-laqgħa ġie propost xi tibdil żgħir mir-residenti. Dan it-tibdil intlaqa’ u l-pjanti nbidlu skont dak propost.

3.1.8. Fit-8 ta’ Awwissu kien hemm barbecue organizzat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Għal dan il-barbecue kienu mistiedna kemm il-Kunsilliera kif ukoll l-impjegati.

3.1.9. Fl-14 ta’ Awwissu saret laqgħa bejn l-għaqdiet u l-pulizija dwar nuqqas ta’ qbil li kien hemm dwar il-Festa. Permezz ta’ din il-laqgħa intlaħaq ftehim.

3.1.10. Fl-20 ta’ Awwissu saret il-laqgħa tar-Reġjun Tramuntana.

3.1.11. Fil-21 ta’ Awwissu s-Sindku ltaqa’ mas-Sa Hannah Carter li se tkun qed tieħu sehem f’Miss Maltese Beauty Is-Sindku awguralha kull suċċess.

3.1.12. Fil-21 ta’ Awwissu wkoll saret il-laqgħa tas-sottokumitat talbiet u ilmenti.

3.1.13. Fil-25 ta’ Awwissu is-Sindku ltaqa’ mal-periti dwar Project Green.

3.1.14. Is-Sindku informa li fid-dawl li l-Kunsill jipprova jgħin lill-għaqdiet kemm jista’ jkun u fid-dawl li qed tintalab *insurance* għal attivitajiet imtella’ mil-club tal-football iżda mhux tintalab għal attivitajiet imtella’ mill-każini tal-baned, Is-Sindku ssuġġerixxa li għal din id-darba biss il-Kunsill iħallas l-*insurance* għal-attività tal-Football. L-ispiża hija ta’ €350. Il-Kunsill qabel *nem con.*

3.1.15. Is-Sindku ċċara li fil-passat il-Kunsill kien l-entità li jibbukkja s-servizzi tal-LESA għall-attivitajiet kollha inkluż il-Festa. Dawn kienu jitħallsu mill-Kunsill u jiġu rifonduti mir-Reġjun Tramuntana. Din is-sena, inbidlet il-proċedura u għalhekk il-Kunsill mhux se jkun qed jieħu ħsieb is-

servizzi tal-LESA, iżda se jkunu l-għaqdiet li se jkunu qed jagħmlu dan dirett permezz ta' skema. Is-Sindku informa li l-għaqdiet kollha jafu b'dan it-tibdil u offra l-għajnuna tal-kunsill f'każ li xi għaqdiet jiġu bżonnha.

3.1.16. Dwar PA/5254/25, barriera fi Triq John Adye, s-Sindku informa, li din l-applikazzjoni qegħda għand il-konsulenti tagħna u qed nistennew il-kummenti tagħhom.

3.1.17. Is-Sindku informa li qed tkun pjanata attività ta' Clean Up ġewwa s-Salina li qed jieħu ħsiebha l-Kunsillier Deguara. Is-Sindku informa li Reġjun Tramuntana se jkunu qed jgħinu f'din l-attività.

3.1.18. B'riferenza għal *Health and Safety report* u insurance li qed ikunu mitluba għall-attivitajiet, is-Sindku informa li bħala Kunsill qed naħdmu biex kemm jista' jkun jittaffa l-piż li qed jintefa' fuq l-għaqdiet.

3.1.19. Is-Sindku rrefera lura għal punt 3.1.2. dwar l-ismijiet proposti mill-Kunsill tat-Tfal għal ġnien il-ġdid ta' Baħar iċ-Ċagħaq. L-ismijiet proposti huma:

- Ġnien il-Ferħ;
- Ġnien tal-Ħajja;
- Weraq u Tbissim;
- Qawsalla tal-Ferħ;
- Weraq u Fjuri;
- Ġnien Tfulitna;
- Ġnien Żgħożitna;
- Ġnien iċ-Ċagħaq;

3.1.20. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li l-Ġnien jissemma "Ġnien weraq u tbissim".

3.1.21. Is-SE fakkar li kienet intbagħtet email mill-AKL dwar konferenza *All Digital*. Is-SE fakkar lill-kunsillieri biex jirreġistraw.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI;

4.1. Is-SE informa li ma kellux mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI:

### A. **SKEDA TAL-PAGAMENTI** Anness A;

**i)** Il-Kunsillier Sciberras iddikjara li għandu kunflitt ta' interess. Huwa ma pparteċipax bl-ebda mod f'din il-parti tal-laqgħa.

**ii)** Il-Kunsill approva *nem con* fuq proposta tal-Kunsillier Muscat issekondat mill-Kunsillier Deguara.

### B. **SKEDA TA' DĦUL** Anness B;

i) Il-Kunsill approva fuq proposta tal-Kunsillier Gatt issekondat mill-Kunsillier Muscat.

C. **SKEDA TA' ORDNIJIET** Anness Ċ;

i) Il-Kunsill approva fuq proposta tal-Kunsillier Muscat issekondat mis-Sindku.

D. **INFIQ MILL-PETTY CASH** Anness D;

i) Il-Kunsill approva fuq proposta tal-Kunsillier Cuomo ssekondata mill-Kunsillier Grech.

## 6. RAPPORT MIS-SOTTOKUMITAT TALBIET U LMENTI Anness F;

6.1. Ir-rapport ġie meqjus moqri u approvat fuq proposta tas-Sindku ssekondat mill-Kunsillier Sciberras.

## 7. APPLIKAZZJONI KONĠUNTA BEJN L-GĦAQDA MUŻIKALI PEACE U L-KUNSILL GĦAL FONDI MILL-AP;

7.1. Is-Sindku fakkar li għal kull applikazzjoni għal żvilupp l-Awtorità tal-Ippjanar titlob ħlas bħala *planning gain* u li persentaġġ minnu jmur f'fond għall-proġetti għall-lokalitajiet rispettivi skont fejn isir l-iżvilupp. Dan il-fond jintuża mill-Kunsilli Lokali iżda persentaġġ minnu jkun allokat għal proġetti mill-NGOs. L-NGO's jingħataw 70% tal-ispejjeż eliġibbli iżda jekk jissieħbu mal-Kunsill Lokali, jingħataw il-100%.

7.2. Is-Sindku kien avviċinat mill-Għaqda tal-Banda Peace biex jissieħbu mal-Kunsill biex iwettqu proġett tal-faċċata. B'hekk ikunu jistgħu jieħdu l-massimu possibli.

7.3. Is-Sindku informa li fil-passat il-banda Vittorja kienu wkoll għamlu użu minn dan il-fond iżda dakinhar il-Kunsill ma kienx ġie avviċinat biex jidħol parti minn din l-applikazzjoni.

7.4. Il-Kunsill qabel *nem con* li jissieħeb fl-applikazzjoni tal-Peace Band Club.

7.5. Is-Sinkdu stieden l-għaqdiet kollha li jixtiequ japplikaw għall-fondi biex javviċinaw lill-Kunsill.

## 8. AĠĠORNAMENT TAL-KUNTRATT MA' NAXXAR LIONS;

8.1. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill preċedenti kien għamel ftehim mall-klabb tal-Football, dwar rinovar tal-latrina u bini ta' kiosk fuq il-latrina. Intalab il-permess lill-Awtorità tal-Ippjanar, iżda dan kien se jiġi rifjutat minħabba policy li tgħid li ma jkunx permess kiosk f'postijiet rikreattivi u sportivi; *CG18 Green area, Public reciriational area and sports area*.

8.2. Is-Sindku fakkar li fid-dawl li din kienet se tiġi rifjutata u fid-dawl li l-latrina tinsab fi stat ħażin, bl-approvazzjoni tal-Kunsill, l-applikazzjoni nbidlet għar-rinovar tal-latrina, l-inklużjoni ta' showers u store. Il-permess għar-rinovar tal-latrina intlaqa' u is-Sindku issuġġerixxa li dan ix-xogħol issir kollu mil-Kunsill sabiex din tibqa' fir-responsabbiltà tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.3. Il-Kunsill qabel *nem con* li jekk/meta tinbidel il-policy u jkun approvat li jsir kiosk

ħdejn spazji pubbliċi, il-Kunsill jiltaqa' mal-klabb tal-football u jkun diskuss ftehim ġdid.

## 9. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.

9.1. Il-laqgħa ntemmet fis-7.00pm.

9.2. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa 24 ta' Settembru fis 6.00pm.

| | |
|---|---|
| **DOTT. CHRISTOPHER DEGUARA** | **PAUL GATT** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |

KUNSILL LOKALI IN-NAXXAR

19 ta' Awwissu, 2025

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## AĠENDA Numru 9/16

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Naxxar

Lis-Sindku, Viċi Sindku, Kunsillieri,

Qiegħed tiġi mitlub/a tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 26 ta' Awwissu 2025 fis-18:30.

Il-laqgħa se tkun imxandra *live* fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill u se tkun qed tiġi rrekordjata biex tiġi mxandra b'mod *on demand*.

Importanti tkunu fil-ħin.

Paul Gatt

Segretarju Eżekuttiv

*Aqleb wara*

# AĠENDA

## LAQGĦA TAL-KUNSILL Numru 9/16

1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta’ rapporti finanzjarji:

   a. Skeda tal-pagamenti;
   b. Skeda ta’ dħul;
   c. Skeda ta’ ordnijiet;
   d. Infiq mill-Petty Cash;

6 Rapport mis-Sottokumitat Talbiet u Lmenti;

7 Applikazzjoni konġunta bejn l-Għaqda Mużikali Peace u l-Kunsill għal fondi mill-AP;

8 Aġġornament tal-kuntratt ma’ Naxxar Lions;

9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali In-Naxxar**

**Income List for the month of July 2025**

| Code | Description | Amount |
|---|---|---|
| | Other Government Income | €744.95 |
| 0001 | Annual allocation from Government | |
| 0015 | Other Government Income | €11,000.00 |
| 0020 | Commercial/directional signs | |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | |
| 0023 | Cultural Activities | |
| 0024 | Football ground hire | |
| 0025 | Skip Permit | €219.98 |
| 0026 | Crane Permit | €7,175.00 |
| 0027 | Kiosk Permit | |
| 0028 | Outside Activity permit | €51.26 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc | €146.79 |
| 0031 | Hire of Council Hall | |
| 0032 | Permits for placing tables and chairs | |
| 0033 | Claims for damages | |
| 0034 | Caravan permit | €838.00 |
| 0036 | Contraventions | |
| 0067 | Parking clocks, documents etc | |
| 0110 | Donations | |
| 0121 | Advertising | |
| 0125 | Trenching permits | €6.99 |
| 0200 | Debtors | |
| 4006 | Contractors guarantees | €1,160.00 |
| 4007 | Refunds to Council by individuals (such as for Gita, staff dinner etc) | |
| | **TOTAL** | **€21,342.97** |

**Receipts** From 60583

To 61307

**List prepared by Charmaine Calleja** 20 August 2025

**Kunsill Lokali In-Naxxar**

**Purchase Order list for the month of July 2025** **01/08/2025**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 01/07/2025 | 153/25 | Naxxar Lions FC | Youth Commemorative Video | 200.00 |
| 02/07/2025 | 154/25 | Hector's Ironmongery | 3 Masking Tape & 3 Spag | 9.90 |
| 02/07/2025 | 155/25 | Richie's Ironmongery | Screws, plugs, rat bait and drill | 20.20 |
| 03/07/2025 | 156/25 | Adi Associates Ltd | Weekly Planning Application Review for 8 weeks i.e. July and August 2025 | 566.40 |
| 04/07/2025 | 157/25 | Hector's Ironmongery | Traffic Tape, Cable Ties (Large), Cables Ties (Small) & 10 Black Tapes | 20.27 |
| 04/07/2025 | 158/25 | Peace Band Club | Full page colour advert in Festa 2025 booklet | 90.00 |
| 07/07/2025 | 159/25 | Hector's Ironmongery | 2 Plastic Manholes & 1 Stixall | 31.70 |
| 11/07/2025 | 160/25 | Smart Technologies Ltd | keyboard change as per quote 4525869 | 175.00 |
| 14/07/2025 | 161/25 | Longbow Ltd | Tork-Matic Hand Towel Roll Soft Hand - White - H1 2Ply (6x150m) | 156.40 |
| 21/07/2025 | 162/25 | Bitmac Works Ltd | instant road repair bags | 96.29 |
| 22/07/2025 | 163/25 | Vanessa Portelli | Pilates Classes from May till July, 2025 | 354.00 |
| 22/07/2025 | 164/25 | Svetlana Abela | Yoga Classes from May till July, 2025 | 300.00 |
| 22/07/2025 | 165/25 | Tracy Debono | Aerobics Classes in BIC from May till July, | 250.00 |
| 22/07/2025 | 166/25 | Lindsay Macfarlane | Zumba and Dance Fusion Classes from May till July, 2025 | 300.00 |
| 22/07/2025 | 167/25 | Centru Pastorali BIC | Use of Pastoral Centre between January and March, 2025 | 80.00 |
| 22/07/2025 | 168/25 | Centru Pastorali BIC | Use of Pastoral Centre between May and July, | 80.00 |
| 23/07/2025 | 169/25 | Urban Furniture Malta | 2x Speed Ramps End Caps (25cmx90cm) & 4x Middle Rubber Speed Ramps (50cm | 193.52 |
| 29/07/2025 | 170/25 | Hector's Ironmongery | Double sided tape, tap and padlock | |
| 30/07/2025 | 171/25 | Dolceria Appettitosa | Catering MCCF Event 31/8/2025 | 425.98 |
| 30/07/2025 | 172/25 | Hector's Ironmongery | padlock | 12.10 |

# Naxxar Local Council

**Petty Cash July 2025**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **For 01/07/2025 through 31/07/2025** | | | **Balance** | **€200.00** | |
| **Date** | **Supplier** | **Description** | **Amount Deposited** | **Amount Withdrawn** | **Reference** |
| | | Balance Brought Forward | €200.00 | | |
| 01/07/2025 | Piscopo Gardens | 3 plants for pond | | €47.85 | 043/25 |
| 01/07/2025 | Mille Profumi | Toilet paper and floor wash | | €17.39 | 044/25 |
| 01/07/2025 | Zaky's | 2 tape | | €3.98 | 045/25 |
| 02/07/2025 | Richie's | 2 toilet brush holders | | €10.00 | 046/25 |
| 03/07/2025 | Bigmat | Pruner 8" | | €5.25 | 047/25 |
| 04/07/2025 | Smart | Sugar and coffee sackets | | €35.26 | 048/25 |
| 15/07/2025 | Hector's Ironm | Sprall for Vjal 21 ta' Sett | | €14.00 | 049/25 |
| 31/07/2025 | Hector's Ironm | Sockets, elbow | | €6.50 | 050/25 |
| 31/07/2025 | Hector's Ironm | Keys and tags | | €5.80 | 051/25 |
| | | Return to float | €146.03 | | |
| | | **Totals** | **€346.03** | **€146.03** | |

Charmaine Calleja
01/08/2025

Kunsill Lokali: In-Naxxar

Seduta tal-Laqgħa nr 9/16

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: Mil-24 ta' Lulju 2025 sad-19 ta' Awwissu 2025

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Adi Associates | €495.60 | €495.60 | T | PF | Review of planning applications - Jul 25 | 31/07/2025 | 29 | n/a | n/a | 3190 |
| 2 | Advisory 21 | €413.00 | €413.00 | T | PF | DPO Services for Jul 2025 | 30/07/2025 | 2018-8391 | n/a | n/a | 3190 |
| 3 | Antes Insurance Brokers | €2,857.48 | €2,857.48 | NA | PF | Combined insurance policy (Aug25-26) | 04/08/2025 | LCBC000496 | n/a | n/a | 3030 |
| 4 | Antes Insurance Brokers | €37.47 | €37.47 | NA | PF | Combined insurance policy (Aug25-26) Fee | 06/08/2025 | 547062878 | n/a | n/a | 3030 |
| 5 | Arms | €5.18 | €5.18 | NA | PF | Bill for Masgar it-tfal (18.6-2.7.25) | 07/08/2025 | 41205062 | n/a | n/a | 2130 |
| 6 | Arms | €786.97 | €786.97 | NA | PF | Bill for LC office (12.6-11.7.25) | 07/08/2025 | 41205061 | n/a | n/a | 2150 |
| 7 | Jurgen Attard | €390.00 | €390.00 | K | PF | Football ground guardian July 2025 | 31/07/2025 | 3397 | n/a | n/a | 3191 |
| 8 | Bank of Valletta | €15.00 | €15.00 | NA | PF | Grey security deposit bags | 05/08/2025 | | n/a | n/a | 3035 |
| 9 | Bitmac | €48.12 | €48.12 | K | PF | Instant road repair | 07/08/2025 | 181834 | 176/25 | 176/25 | 2311 |
| 10 | Grace Camilleri | €462.30 | €462.30 | NA | PF | Librarian services for July 2025 and difference in renumeration Jan-Jun 25 | 31/07/2025 | | n/a | n/a | 2995 |
| 11 | Central Asphalt Ltd | €123.90 | €123.90 | K | PF | 7 concrete slabs | 14/08/2025 | 20300 | 180/25 | 180/25 | 2310 |
| 12 | Datatrak | €10.15 | €10.15 | NA | PF | 1 pre-regional ticket for July 25 | 31/07/2025 | 1015853 | n/a | n/a | 3610 |
| 13 | Doric Studio | €2,832.00 | €2,832.00 | T | PF | Torri tal-Kaptan-survey incl plans of tower and garden, elevation and sections | 04/08/2025 | DI-DPubL02-2025-004-2025. | n/a | n/a | 3130 |
| 14 | Epic | €60.50 | €60.50 | NA | PF | Bill for 79404014 for Aug 2025 and usage Jul 25 | 01/08/2025 | 15223292082025 | n/a | n/a | 2160 |
| 15 | Epic | €42.01 | €42.01 | NA | PF | Bill for 99370990 for Aug 2025 and usage Jul 25 | 01/08/2025 | 15223164082025 | n/a | n/a | 2160 |
| 16 | Galea Cleaning Solutions | €11,215.79 | €11,215.79 | T | PF | Street sweeping for July 2025 | 31/07/2025 | 342 | n/a | n/a | 3051 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

________________
Dr Chris Deguara
Sindku

________________
Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

________________
Proponent

________________
Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mil-24 ta' Lulju 2025 sad-19 ta' Awwissu 2025**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 17 | Galea Cleaning Solutions | €1,062.00 | €1,062.00 | T | PF | Street sweeping for July 2025 - extra | 31/07/2025 | 343 | n/a | n/a | 3051 |
| 18 | Galea Cleaning Solutions | €3,207.07 | €3,207.07 | T | PF | Difference in salary from July 2025 | 31/07/2025 | 344 | n/a | n/a | 3051 |
| 19 | GO plc | €40.01 | €40.01 | NA | PF | Rental for 21416341 for Aug 25 | 01/08/2025 | 97579787 | n/a | n/a | 2160 |
| 20 | GO plc | €16.50 | €16.50 | NA | PF | Rental for 21416363 for Aug 25 | 01/08/2025 | 97579789 | n/a | n/a | 2160 |
| 21 | GO plc | €38.57 | €38.57 | NA | PF | Rental for Aug 25 and usage for 21417224 Jul 25 | 01/08/2025 | 97579796 | n/a | n/a | 2160 |
| 22 | Greenpak | €147.50 | €147.50 | NA | PF | Monthly internet connection fee for 5 different locations-July 25 | 31/07/2025 | 40468 | n/a | n/a | 2160 |
| 23 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq Hal Musulmett | 05/08/2025 | g.29749 | n/a | n/a | 4006 |
| 24 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq Santa Fawstina | 05/08/2025 | g.1525 | n/a | n/a | 4006 |
| 25 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq il-Konverzjoni | 05/08/2025 | g.1078 | n/a | n/a | 4006 |
| 26 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq E. Bradford | 05/08/2025 | g. 1442 | n/a | n/a | 4006 |
| 27 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq A Darcel | 05/08/2025 | g.30294 | n/a | n/a | 4006 |
| 28 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq Sir W Jervois | 05/08/2025 | g.1038 | n/a | n/a | 4006 |
| 29 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq P. Brydone | 05/08/2025 | g.1498 | n/a | n/a | 4006 |
| 30 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq il-Grecja | 05/08/2025 | g.35708 | n/a | n/a | 4006 |
| 31 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq il-Germanja | 05/08/2025 | g.38142 | n/a | n/a | 4006 |
| 32 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq it-Tuffieh | 05/08/2025 | g.25974 | n/a | n/a | 4006 |
| 33 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq l-Oratorju | 05/08/2025 | g.1287 | n/a | n/a | 4006 |
| 34 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq San Gorg | 05/08/2025 | g.38795 | n/a | n/a | 4006 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Dr Chris Deguara
Sindku

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

Proponent

Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mil-24 ta' Lulju 2025 sad-19 ta' Awwissu 2025**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 35 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq San Gorg | 05/08/2025 | g.33700 | n/a | n/a | 4006 |
| 36 | Guarantee | €110.00 | €110.00 | NA | PF | Refund after works in Triq Markiz Scicluna | 05/08/2025 | g.1506 | n/a | n/a | 4006 |
| 37 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq il-Gizwiti | 05/08/2025 | g.30777 | n/a | n/a | 4006 |
| 38 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq P. Brydone | 05/08/2025 | g. 38803 | n/a | n/a | 4006 |
| 39 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq il-Buzjett | 05/08/2025 | g. 1614 | n/a | n/a | 4006 |
| 40 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq il-Parrocca | 05/08/2025 | g.1469 | n/a | n/a | 4006 |
| 41 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq Dun Karm Scerri | 05/08/2025 | g.26976 | n/a | n/a | 4006 |
| 42 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq in-Nigret | 05/08/2025 | g. 29206 | n/a | n/a | 4006 |
| 43 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq Birgum | 05/08/2025 | g.27456 | n/a | n/a | 4006 |
| 44 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq Sir Arturo Mercieca | 05/08/2025 | g.31479 | n/a | n/a | 4006 |
| 45 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq Francis Attard | 05/08/2025 | g.38315 | n/a | n/a | 4006 |
| 46 | Guarantee | €110.00 | €110.00 | NA | PF | Refund after works in Triq Santa Lucija | 05/08/2025 | g.32213 | n/a | n/a | 4006 |
| 47 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq ix-Xambekk | 05/08/2025 | g.1288 | n/a | n/a | 4006 |
| 48 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq is-Salina | 05/08/2025 | g.1298 | n/a | n/a | 4006 |
| 49 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq il-Katakombi | 05/08/2025 | g.35919 | n/a | n/a | 4006 |
| 50 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq is-Salina | 05/08/2025 | g.28610 | n/a | n/a | 4006 |
| 51 | Guarantee | €110.00 | €110.00 | NA | PF | Refund after works in Triq Santa Lucija | 05/08/2025 | g.1238 | n/a | n/a | 4006 |
| 52 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq Giuseppe Stivala | 05/08/2025 | g.30625 | n/a | n/a | 4006 |
| 53 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq Margaret Murray | 05/08/2025 | g.1562 | n/a | n/a | 4006 |
| 54 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq Andrea Debono | 05/08/2025 | g.29780 | n/a | n/a | 4006 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

_______________ Dr Chris Deguara
Sindku

_______________ Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

_______________ Proponent

_______________ Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mil-24 ta' Lulju 2025 sad-19 ta' Awwissu 2025**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 55 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq it-Tunnara | 06/08/2025 | g.1334 | n/a | n/a | 4006 |
| 56 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq il-Grecja | 06/08/2025 | g.734 | n/a | n/a | 4006 |
| 57 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq il-Gibjun | 06/08/2025 | g.1255 | n/a | n/a | 4006 |
| 58 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq il-Kbira | 06/08/2025 | g.34698 | n/a | n/a | 4006 |
| 59 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq l-Imdina | 11/08/2025 | g. 1504 | n/a | n/a | 4006 |
| 60 | Guarantee | €120.00 | €120.00 | NA | PF | Refund after works in Triq Leli Falzon | 13/08/2025 | g.49319 | n/a | n/a | 4006 |
| 61 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq Victor Scerri | 13/08/2025 | g.1526 | n/a | n/a | 4006 |
| 62 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq Hal Dghejf | 13/08/2025 | g.44825 | n/a | n/a | 4006 |
| 63 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq Andrea Debono | 14/08/2025 | g.36681 | n/a | n/a | 4006 |
| 64 | Guarantee | €110.00 | €110.00 | NA | PF | Refund after works in Triq il-Kappella tax-Xaghra | 14/08/2025 | g.30821 | n/a | n/a | 4006 |
| 65 | Handymen Tender | €4,638.67 | €4,638.67 | T | PF | 2 Handymen service for July 2025 | 05/08/2025 | | n/a | n/a | 3125 |
| 66 | Hector's Ironmongery | €12.10 | €12.10 | K | PF | 1 Padlock | 31/07/2025 | 14312 | 172/25 | 172/25 | 2210 |
| 67 | Hector's Ironmongery | €35.00 | €35.00 | K | PF | Double sided tape, tap and padlock | 06/08/2025 | 14311 | 170/25 | 170/25 | 2210 |
| 68 | Hector's Ironmongery | €6.30 | €6.30 | K | PF | Manhole cover | 11/08/2025 | 451 | 179/25 | 179/25 | 2210 |
| 69 | Image Systems | €182.95 | €182.95 | NA | PF | Usage and rent billing for xerox Jul 25 | 31/07/2025 | 638760 | n/a | n/a | 2670 |
| 70 | Inland Revenue Dept | €6,133.04 | €6,133.04 | NA | PF | FSS & NI July 2025 | 30/07/2025 | | n/a | n/a | 1500 |
| 71 | Laferla Ins | €500.00 | €500.00 | NA | PF | Excess paid on claim 002/25 | 01/08/2025 | | n/a | n/a | 3030 |
| 72 | Lesa | €7,166.35 | €7,166.35 | D | PF | Wardens' assistance Festa 2025 | 29/07/2025 | EST-001035 | n/a | n/a | 3195 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Dr Chris Deguara
Sindku

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

Proponent

Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mil-24 ta' Lulju 2025 sad-19 ta' Awwissu 2025**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 73 | Lindsay MacFarlene | €300.00 | €300.00 | K | PF | Zumba and Dance Fusion Classes from Apr till July, 2025 | 28/07/2025 | 28/07/2025 | 166/25 | 166/25 | 3381 |
| 74 | Melita plc | €252.27 | €252.27 | D | PF | Internet service for different locations Aug 25 | 01/08/2025 | 119203905 | n/a | n/a | 2160 |
| 75 | Micamed | €116.23 | €116.23 | T | PF | W426 Triq il-Haddieda | 30/07/2025 | 13984 | n/a | n/a | 3065 |
| 76 | Pama Supermarket | €200.98 | €200.98 | K | PF | Supplies for cleaning, office and public convenience | 11/08/2025 | 232508117 | 178/25 | 178/25 | 2670 |
| 77 | Paramount | €193.52 | €193.52 | K | PF | Transport services for June 2025 | 05/08/2025 | 10015570 | 044/25 | 044/25 | 2720 |
| 78 | Romina Perici Ferrante | €490.88 | €490.88 | K | PF | Accounting Services for June 2025 | 01/07/2025 | 25/025 | 003/25 | 003/25 | 3160 |
| 79 | Romina Perici Ferrante | €490.88 | €490.88 | K | PF | Accounting Services for July 2025 | 31/07/2025 | 25/029 | 003/25 | 003/25 | 3160 |
| 80 | Projekte | €74,955.58 | €74,955.58 | T | PF | Based on cert 4 : Masgar it-tfal construction works, safety flooring, finishing works, light fittings, electrical installation and CCTV and variations - exl retention monies - Masgar it-tfal | 01/08/2025 | 12667 | n/a | n/a | 7606 |
| 81 | Projekte | €12,838.75 | €12,838.75 | T | PF | Retention monies on cert 4 | 01/08/2025 | to be issued & paid afterward | n/a | n/a | 7606 |
| 82 | Refund | €100.76 | €100.76 | NA | PF | Facebook adverts re clerk and Lejla Maltija | 18/08/2025 | various | n/a | n/a | 2940 |
| 83 | Simply Clean | €3,258.57 | €3,258.57 | T | PF | Bulky refuse service for July 2025 | 07/08/2025 | 757 | n/a | n/a | 3042 |
| 84 | Simply Clean | €2,194.80 | €2,194.80 | A | PF | Cleaning, opening and closing of latrina Labour Avenue July 2025 | 07/08/2025 | 756 | n/a | n/a | 3053 |
| 85 | Simply Clean | €136.64 | €136.64 | T | PF | Mithna tal-ghaqba cleaning for July 25 | 09/08/2025 | 772 | n/a | n/a | 3060 |
| 86 | Smart Technologies | €206.50 | €206.50 | K | PF | Staff laptop's cover changed | 31/07/2025 | 47843 | 160/25 | 160/25 | 2330 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

________________
Dr Chris Deguara
Sindku

________________
Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

________________
Proponent

________________
Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mil-24 ta' Lulju 2025 sad-19 ta' Awwissu 2025**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 87 | Talexio | €2.36 | €2.36 | NA | PF | Additional employee for Jul 2025 | 31/07/2025 | 16349 | n/a | n/a | 3190 |
| 88 | Mark Taliana Gardening | €7,825.76 | €7,825.76 | T | PF | Gardening services for July 2025 | 30/07/2025 | 1994 | n/a | n/a | 3061 |
| 89 | Urban Furniture Malta | €153.40 | €153.40 | K | PF | x3 1m bollars + x4 80cm bollards | 08/08/2025 | 2561 | 128/25 | 128/25 | 2313 |
| | | **€155,769.41** | **€155,769.41** | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

________________
Dr Chris Deguara
Sindku

________________
Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

________________
Proponent

________________
Sekondant

| | |
|---|---|
| **Post:** | **Kunsill Lokali in-Naxxar** |
| **Data:** | **21 ta' Awwissu 2025** |
| **Ħin:** | **11.00am -12.00pm** |
| **Preżenti:** | **Is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsillier Pierre Sciberras, Is-Segretarju Eżekuttiv u Yanika Borg, uffiċjal tal-Kunsill.** |

**Is-SE ressaq l-ilmenti/talbiet fuq il-formoli apposta u li kienu jinkludu ritratti u site plans skont il-każ.**

**Dawn li ġejjin huma l-ilmenti/talbiet imressqa li jinkludu d-deċiżjoni tas-sotto-kumitat:**

| ***Ref. No.*** | ***Tkt. No.*** | ***Deskrizzjoni tat-talba*** | ***Isem tat-triq*** | ***Rakkomandazzjoni tas-Sotto-kumitat*** |
|---|---|---|---|---|
| 14351 | 96414 | Talba għal Communal Disability Blue Badge Parking Bay ġo Triq Sir Arthur Freemantle vicin ir-residenza bin-numru 7. Location fejn tinsab ir-residenza:- https://maps.app.goo.gl/VvBKwmP8fyytywWC8 | Sir Arthur Freemantle | Mhux approvata, il-post mhux ċentrali u ma jidhrix li hemm problema ta' parkeġġ. |
| 14354 | 97514 | talba biex jinbidel ic-cint li hemm mad-dawra tax-Ximenes Redoubt - go Triq Francisco Ximenes u jsir railing minflok bhal ma hemm ftit metri l-isfel fl-istess triq | Francisco Ximenes | Hemm qbil mal-kunċett, iżda fid-dawl li tinvolvi ammont ta' spejjeż nitolbu lil-gvern ċentrali biex jagħmlu. Hekk ma jsirx mil-gvern isir tentattiv biex ikun hemm allokazzjoni fil-baġit tal-Kunsill għas-sena d-dieħla. |
| 14362 | 96537 | talba biex jitwitta dizlivell bejn il-wiċċ tal-konkos u l-art tal-ħamrija oriġinali minhabba li qed jigu kkawzati problemi lil tal-bawser (li jbattal il-fossos tad-drenaġġ tad-djar) biex idawwar sewwa u b serħan tal-moħħ. qed ikun mitlub li jintefa materjal (konkoz c25), huwa kkalkulat li hemm bzonn 14-il jarda li jigu jiswew €1160 (plus vat) | Imnieqa | Mhux approvata minħabba li t-triq m'hijiex fir-responsabbiltà tal-Kunsill iżda tal-gvern ċentrali. |
| 14369 | 97880 | talba biex isiru cameras fl area tal maypole minhabba rimi ta skart illegalment, ripetutament | Wesgħat il-Frott | Mhux approvata minħabba li 1. l-infurzar mhux fir-responsabbiltà tal-Kunsill u 2. mhux possibbli li persuna jiġi mħarrek permezz tal-cameras. Minflok, issir tabella biex ma jitħalliex skart fuq il-post. |
| 14370 | 98033 | talba biex fi Triq F. Ximenes fl-aħħar biċċa tat-triq jiġi immarkat double yellow line fuq in-naħa tal-lemin sabiex ma jsirx parkeġġ. Dan qed jiġi issuġerit li minħabba li t-triq tidjieq ma tkunx tista' tidħol vettura ta' Emergenza mnħabba li xi individwi xorta qed jipparkjaw quddiem il-garages.. Mhux ser iku nqed jintilef parkeġġ legali minħabba li din in-naħa tat-triq huwa kollu garages. | Francisco Ximenes | Approvata - isir il-kejl tat-triq u fejn ma jippermettix parkeġġ fuq żewġ naħat isiru sinjali sofor in-naħa ta' quddiem il-garaxxijiet. |
| 14378 | | Talba biex isir bollard mat-tarf ta din il-parking bay minħabba li qed jipparkjaw vetturi kbar u jghalqu l-aċċess tal-garaxx. -https://maps.app.goo.gl/Vz2NPKacyK2nXWxt6 | Ġnien | Is-SE ġibed l-attenzjoni tas-sottokumitat li bollards fuq it-triq mhumiex legali. Minkejja dan, is-sottokumitat ħass li f'dan il-każ hemm biżżejjed ġustifikazzjoni li ssir bollard daqs nofs metru l-barra minn taħt il-bankina. Ir-raġunijiet u l-kunsiderazzjonijiet li ħa s-sottokumitat huma: 1) il-parkeġġ, li jinsab bejn żewġ garaxxijiet, huwa ta' daqs li jippermetti parkeġġ ta' karozza żgħira biss; 2) fl-ispazju, b'mod regolari qed jipparkjaw vannijiet li huma ikbar mill-parkeġġ u li qed jimblukkaw l-aċċess jew il-ħruġ mill-garaxxijiet biswit; 3) it-triq hija f'direzzjoni waħda u waħda mid-daħliet tal-garaxxijiet hija skuntrata u kontra d-direzzjoni tal-ħruġ mill-garaxx; 4) fiż-żona hemm problema bin-nuqqas ta' parkeġġ; 5) m'hemmx ħtieġa li jkun hemm parkeġġi għall-muturi u l-ispazju eżisteni huwa ikbar minn żewġ parkeġġi ta' muturi; 6) Dik il-parti tat-triq hija idjaq mill-kumplament tat-triq minħabba reċint (*boundary wall*) ta' żona mhux żviluppata li hemm faċċata u li qiegħed jesporġi fuq it-triq. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Talba biex jingħalaq l-isqaq għall-vetturi | Sqaq nr.2, Pjazza Vittorja | Jitneħħa l-bollard li hemm. isiru 2 bollards tal-ħadid (għalissa sempliċi miżbugħin bl-aħmar l-abjad) u jsiru it tnejn bil-katnazz. Kull min jaħdem fl-isqaq irid ikollu permess. Ċavetta ta' bollard wieħed tingħata lil min jiġi l-Kunsill jitlobha u jkun resident jew neġozju li jkollu bżonn aċċess għal dan l-isqaq iżda mhux b'vettura. Żewġ ċwievet (waħda għall-kull bollard) jinżammu l-Kunsill biex tingħata lil min ikollu bżonn permess jaħdem f'dak l-isqaq. Tintalab garanzija li torbot ukoll l-istess ċwievet li jinġiebu lura dak inhar stess u l-permessi jingħataw biss biex iħottu materjal u l-vettura terġa titneħħa immedjatament. |